| APPLIKAZZJONI ĠDIDA |
| --- |

1. Meta tikklikkja fuq il-links varji li jinsabu fuq schooltransport.edu.mt, education.gov.mt jew *facebook posts* u *ads*, se tiġi fuq din il-paġna:




Issa trid tagħfas fuq il-buttuna l-blu **Login with e-ID** u minn hemmhekk jinfetaħ *screen* kif inhu muri hawn taħt, fejn trid iddaħħal il-dettalji tal-kont tal-e-ID sabiex taċċessa l-formola talapplikazzjoni:




Meta tkun illoggjat/a, trid tagħfas fuq il-buttuna **Kompli** sabiex taċċessa l-formola talapplikazzjoni:




Issa qiegħed/qiegħda fil-formola tal-applikazzjoni. Din tidher eżatt l-istess bħall-Formola ta' Tiġdid għat-Trasport, pero` d-dettalji li huma diġa` mimlijin huma dawk f'Sezzjoni *1. Id-Dettalji tal-Ġenitur/Kustodju Legali*. Dawn id-dettalji huma diġa` mimlijin permezz tal-informazzjoni minn Identity Malta minħabba l-e-ID. Inti tista' tibdel id-**Dettalji ta' Kuntatt** u **l-Indirizz** iżda ma tistax tindel id-Dettalji Personali. Innota li *fields* immarkati b' * huma mandatorji u ma jistgħux jitħallew vojta.



Oħroġ

Oħroġ: 59:29

## Applikazzjoni għat-Trasport Bla Ħlas tal-Iskola - Skejjel tal-Istat 2021/2022

**1. Dettalji tal-Ġenitur/Kustodju Legali (skont id-dettalji tal-Karta tal-Identita`)**

Dettalji Personali

| | |
|---|---|
| * In-Numru tal-Karta tal-Ident... | [redacted] |
| * Isem | [redacted] |
| * Kunjom | [redacted] |

Dettalji ta' Kuntatt

| | |
|---|---|
| In-Numru tat-Telefown | [redacted] |
| * In-Numru tal-Mowbajl tal-Ġ... | |
| * L-Imejl tal-Ġenitur/Kustodju... | [redacted] |
| * Ikkonferma l-Imejl | [redacted] |

L-Indirizz

| | |
|---|---|
| * Ir-Raħal | [redacted] |
| * Il-Lokalità | [redacted] |
| * It-Triq | [redacted] |
| Kodiċi Postali | |
| L-Isem tad-dar | |
| * In-Numru tad-Dar | [redacted] |

**Għadek kif għamilt xi tibdiliet fl-indirizz tiegħek. Jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-buttuna sabiex tkompli bl-applikazzjoni.**

Ikklikkja hawn

**2. Dettalji tal-Istudent**

Dettalji Personali tal-Istudent

| | |
|---|---|
| * Dettalji tal-Istudent | Għażla Nieqsa |
| * Il-Numru tal-Karta tal-Identi... | |
| * Isem | |
| * Kunjom | |

**3. Dettalji tat-Trasport**

L-Amministrazzjoni tirriżerva d-dritt li tibdel il-waqfiet skont il-bżonn.

☐ Ikklikkja hawn jekk l-istudent/a j/tattendi skola barra miż-żona jew konfini tal-Kulleġġ / l-Iskola rispettiva tiegħu/tagħha

| | |
|---|---|
| * Is-Sena tal-Klassi għall-2021... | Għażla Nieqsa |
| * L-Isem tal-Iskola | Għażla Nieqsa |
| * Waqfa | Għażla Nieqsa |

Informazzjoni Addizzjonali

☐ Użu ta' siġġu tar-roti

☐ Tlugħ ta' taraġ għoli mhux possibbli

* It-Taqsima għat-Trasport għall-Iskejjel qiegħda toffri Parent Notification App li tinforma 'l ġenituri / kustodji meta t-tifel/tifla tagħhom j/titla' u j/tinżel minn fuq il-vettura tat-trasport tal-iskola.

(Agħżel waħda sabiex tkompli bl-applikazzjoni)

Iva, naċċetta | Le, ma naċċettax

**4. Notament dwar il-Kunsens u l-Protezzjoni tad-Data**

Agħfas hawn biex tara d-dettalji dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Ipproċessar tad-Data

Jekk jogħġbok ikklikkja l-kaxxa hawn taħt biex tikkonferma li taqbel mat-Termini u l-Kundizzjonijiet, imbagħad ikklikkja l-buttuna biex tissottometti

☐ Nikkonferma li qrajt sew id-dettalji dwar l-Ipproċessar tad-Data u naqbel mal-kontenut *

Issottometti

- It-Taqsima għat-Trasport għall-Iskejjel qiegħda toffri *Parent Notification App* li tinforma 'l ġenituri/kustodji meta t-tifel/tifla tagħhom j/titla' u j/tinżel minn fuq il-vettura tattrasport tal-iskola. Inti trid tagħżel jekk taċċettax dan jew le, billi tagħfas 'Iva, naċċetta' jew 'Le, ma naċċettax'.



**Applikazzjoni għat-Trasport Bla Ħlas tal-Iskola - Skejjel tal-Istat 2021/2022**

**1. Dettalji tal-Ġenitur/Kustodju Legali (skont id-dettalji tal-Karta tal-Identita`)**

Dettalji Personali

* In-Numru tal-Karta tal-Ident... [redacted]

Kunjom

* Isem [redacted]
* Kunjom [redacted]

Dettalji ta' Kuntatt

In-Numru tat-Telefown [redacted]

* In-Numru tal-Mowbajl tal-Ġ...
* L-Imejl tal-Ġenitur/Kustodju... [redacted]
* Ikkonferma l-Imejl [redacted]

L-Indirizz

* Ir-Raħal [redacted]
* Il-Lokalità [redacted]
* It-Triq [redacted]

Kodiċi Postali

L-Isem tad-dar

* In-Numru tad-Dar 1

**Għadek kif għamilt xi tibdiliet fl-indirizz tiegħek. Jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-buttuna sabiex tkompli bl-applikazzjoni.**

Ikklikkja hawn

Meta tkun lest/a minn din is-sezzjoni, inti trid tikklikkja fuq il-buttuna s-safra **Ikklikkja hawn** sabiex tivvalida l-indirizz u tipproċedi. Din il-*pop-up* se tiġi murija u inti trid tagħfas **OK:**




Issa trid tagħżel l-isem tal-istudent/a mid-*dropdown menu* fid-**Dettalji tal-Istudent**. Meta l-isem jiġi magħżul, in-Numru tal-Karta tal-Identita`, l-Isem u l-Kunjom se jimtlew awtomatikament kif inhu muri hawn taħt. Innota li jekk l-isem tal-istudent/a ma jidhirx fid-*dropdown menu*, inti tista' ddaħħal in-numru tal-karta tal-identita` tal-istudent/a, l-Isem u l-Kunjom b'mod manwali sabiex tkun tista' tkompli – inti trid ukoll tittikkja l-kaxxa sabiex tiddikjara li l-informazzjoni hija korretta.




Issa trid timla Sezzjoni *3. Id-Dettalji tat-Trasport* f'din l-ordni: is-Sena tal-Klassi għall-2021/2022, l-Isem tal-Iskola u l-Waqfa. Jekk l-istudent/a huwa/hija 'l barra mill-kulleġġ jew l-iskola fejn j/toqgħod (*catchment area)* trid tittikkja l-kaxxa: "Ikklikkja hawn jekk l-istudent/a j/tattendi skola barra miż-żona jew konfini tal-Kulleġġ/l-Iskola rispettiva tiegħu/tagħha" sabiex l-iskejjel kollha jiġu jidhru fid-*dropdown menu* u s-sena tal-klassi tkun tista' tiġi magħżula mid-*dropdown menu* wkoll. Pero`, inti tista' biss tagħżel mill-waqfiet eżistenti.




Fl-aħħar, jekk huwa applikabbli, tista' tagħżel il-kaxxi fis-sezzjoni tal-*Informazzjoni Addizzjonali* u mbagħad mur f'Sezzjoni 4, sabiex tittikkja l-kaxxa u agħfas **Issottometti.**







Meta tkun qed tissottometti l-applikazzjoni, jekk xi informazzjoni tħalliet vojta, il-formola se tiħdok lura għall-parti b'informazzjoni li mhix kompluta u se turik dan b'kaxxa u nota ħamra kif inhu muri hawn taħt (fejn in-numru tal-mowbajl tal-ġenitur tħalla vojt):




Fl-aħħar, meta l-formola tkun mimlija b'mod tajjeb u sottomessa, il-*pop-up* t'hawn taħt se jiġi jidher:

# Ċert/a mid-dettalji?

## Dettalji tal-Ġenitur/Kustodju Legali (skont id-dettalji tal-Karta tal-Identita`)

In-Numru tal-Karta tal-Identità: [redacted]

Isem: [redacted]

Kunjom: [redacted]

Ir-Raħal: [redacted]

Il-Lokalità: [redacted]

It-Triq: [redacted]

Kodiċi Postali: -

L-Isem tad-dar: -

In-Numru tad-Dar: [redacted]

In-Numru tal-Mowbajl tal-Ġenitur/Kustodju Legali : [redacted]

L-Imejl tal-Ġenitur/Kustodju Legali : [redacted]

## Dettalji tal-Istudent

Il-Numru tal-Karta tal-Identita`: [redacted]

Isem: [redacted]

Kunjom: [redacted]

## Dettalji tat-Trasport

Is-Sena tal-Klassi għall-2021/2022: [redacted]

L-Isem tal-Iskola: [redacted]

Waqfa : [redacted]

Użu ta' siġġu tar-roti: [redacted]

Tlugħ ta' taraġ għoli mhux possibbli: [redacted]

Iva | Ikkanċella

Jekk trid tibdel xi ħaġa trid tikklikkja **IKKANĊELLA** u tmur lura fl-applikazzjoni. Jekk inti kuntent/a bid-dettalji, trid tagħfas **IVA** u l-applikazzjoni tiġi sottomessa. Ftit wara se tirċievi imejl awtomatika bid-dettalji tal-applikazzjoni mingħand schooltransportapplications.mfed@gov.mt.